MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2003

Numru 21/2000

**Il-Qorti**,

Rat is-sentenza preliminari moghtija fit-22 ta' Frar 2001 mill-Onorabbli Qorti Kriminali dwar diversi eccezzjonijiet sollevati miz-zewg akkuzati, u liema sentenza tghid hekk:

"Il-Qorti:

Rat l-Att ta’ Akkuza nru. 21/2000;

Rat in-nota tal-akkuzat Ibrahim Elhamsi Elghaud (jew Elghaoud kif l-isem hu indikat fl-Att ta’ l-Akkuza) tat-23 ta’ Novembru, 2000 li permezz taghha dana l-akkuzat issolleva diversi eccezzjonijiet dwar il-provi; rat ukoll in-nota l-ohra, kwazi identika, tal-akkuzat Ali Aibrahim

Alghaoud (jew, skond l-Att ta’ l-Akkuza, Algaoud), ukoll presentata fit-23 ta’ Novembru, 2000, b’diversi eccezzjonijiet dwar provi;

Rat iz-zewg noti ta’ l-Avukat Generali tad-29 ta’ Novembru, 2000 li permezz taghhom l-imsemmi Avukat Generali eccepixxa l-inammissibilita` ta’ diversi xhieda indikati mill-akkuzati;

Rat in-noti tal-akkuzati (presentati ghall-fini tal-verbal tal-udjenza tas-16 ta’ Jannar, 2001) tal-31 ta’ Jannar, 2001 u tal-1 ta’ Frar, 2001;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenzi tas-16 ta’ Jannar, 2001 u tal-5 ta’ Frar, 2001;

Ikkunsidrat:

Fl-udjenza tal-5 ta’ Frar, 2001 l-Assistant Avukat Generali Dott. Anthony Barbara irtira l-eccezzjoni ta’ l-inammissibilita` tax-xhieda indikati miz-zewg akkuzati. Ghalhekk baqa’ x’jigu decizi biss l-eccezzjonijiet sollevati miz-zewg akkuzati.

Fir-rigward ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-akkuzati, il-Qorti tosserva li l-eccezzjonijiet minn numru 1 san-numru 8 huma komuni ghaz-zewg akkuzati. Pero` l-akkuzat Ibrahim Elhamshi Elghaud issolleva eccezzjoni ohra – bin-numru 9 fin-nota tieghu – li ma gietx sollevata mill-ko-akkuzat l-iehor. Ghall-konvenjanza u pratticita` din il-Qorti ser tikkunsidra dawna l-eccezzjonijiet fl-ordni segwenti.

<u>L-ewwel eccezzjoni</u>.

Permezz ta’ din l-eccezzjoni l-akkuzati qed jitolbu l-isfilz tad-dokumenti 21 (fol. 262-269), 22 (fol. 272-278), 23 (fol. 297-298) u 24 (fol. 318-356) u dan, bazikament, peress li dawn id-dokumenti jirreferu ghal sejba ta’ droga li, skond huma, ma ghandha x’taqsam assolutament xejn maghhom u ghalhekk dawn id-dokumenti huma “assolutament irrelevanti ghall-ezitu ta’ dan il-kaz”.

Ghalhekk proprjament l-ilment ta' l-akkuzati ma hux dwar "ammissibilita`" izda dwar "relevanza". Kif gie osservat diversi drabi kemm minn din il-Qorti kif ukoll mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali kolleggjalment komposta, l-istadju ta' l-eccezzjonijiet dwar l-ammissibilita` ta' provi li parti jew ohra tkun ser tressaq m'ghandux jintuza biex jitqajjmu kwistjonijiet purament ta' "relevanza" ta' provi, stante li l-kwistjoni tar-relevanza ta' prova, xhud, dokument ecc. hija proprjament imhollija mill-ligi biex tigi deciza fil-kors tal-guri a bazi ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 520(2) tal-Kodici Kriminali. Huwa biss meta l-prova tkun manifestament irrelevanti li din il-Qorti tkun gustifikata li tiddikjaraha inammissibbli aprioristikament (cioe` f'dana l-istadju) (ara, fost ohrajn, iz-zewg sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali, it-tnejn fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Meinrad Calleja***, tat-3 ta' Mejju, 2000). Id-dokument 21 huwa l-*proces-verbal* (b'xi atti annessi mieghu) dwar sejba ta' ammont ta' dak li kien qed jigi meqjus bhala raza tal-*cannabis* minn Ufficjali tad-Dwana fit-13 ta' Gunju, 1998, liema sustanza kienet mohbija f'pakketti tas-sigaretti Rothmans. Id-dokument 22 huwa r-rapport tal-perit nominat biex jezamina din is-sustanza. Id-dokument 23 huma fil-fatt dokumenti tad-Dwana dwar is-sigaretti msemmija u li allegatament jindikaw, fost affarijiet ohra, isem l-importatur ta' l-istess sigaretti. U d-dokument 24 huma ritratti ta' impronti digitali allegatament misjuba fuq dawn is-sigaretti u r-relazzjoni relattiva. Issa, huwa veru li dawn is-sigaretti jidher li nstabu wara li l-akkuzati kienu diga tressqu l-Qorti fis-27 ta' Frar, 1998, pero` dana l-fatt wahdu ma jistax iwassal lil din il-Qorti biex tiddikjara dawn id-dokumenti aprioristikament irrelevanti (u, per konsegwenza, inammissibbli) specjalment fid-dawl ta' l-akkuza migjuba fit-tielet kap, cioe` dik ta' assocjazzjoni ghall-finijiet ta' traffikar. Fi kliem iehor, dawn id-dokumenti jistghu jkunu relevanti daqs kemm jistghu ma jkunux, u din il-Qorti ma tarax li f'dana l-istadju, meta l-guri proprja ghadu ma bediex u ghadhom ma bdewx jinstemghu l-provi (li jistghu jkunu provi, fis-sens ta' depoiszzjonijiet, differenti minn dawk migjuba fl-istruttorja), ghandha tezamina l-process kollu biex tara kif dawn id-dokumenti jistghu jaghmlu "more or less probable a fact in issue".

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tirrespingi din l-ewwel eccezzjoni.**

It-tieni eccezzjoni.

Permezz ta’ din it-tieni eccezzjoni l-akkuzati qed jopponu ruhhom ghall-produzzjoni tax-xhieda Joseph Farrugia, Alfred Buttigieg, Patrick Woods, Joseph Spiteri, Charles Camilleri, PC 659 Jeffrey Hughes u PC 171 Karl Glanville li lkoll xehdu in konnessjoni mas-sejba tad-droga msemmija aktar ‘l fuq, u cioe` mas-sustanza misjuba fis-sigaretti (jew fil-pakketti tas-sigaretti) fit-13 ta’ Gunju, 1998. Ghalkemm l-akkuzati jippruvaw jispjegaw, fin-noti taghhom, ghala dawn il-persuni ma ghandhomx jithallew jixhdu billi jsostnu li dawna huma inammissibbli “billi [d-deposizzjoni taghhom] jista’ jkollha l-effett biss li tinfluwenza lill-gurati b’taghrif li huwa estraneju ghal dan il-kaz”, il-vera bazi tal-oggezzjoni ta’ l-akkuzati hija wahda ta’ relevanza u mhux ta’ ammissibilita`. Fid-dawl ta’ dak li diga inghad fir-rigward ta’ l-ewwel eccezzjoni, din il-Qorti ma tarax kif tista` aprioristikament teskludi dawn ix-xhieda. Id-deposizzjoni taghhom tista’ tkun, daqs kemm tista’ ma tkunx, relevanti, u ghalhekk f’dana l-istadju ma tqum ebda kwistjoni ta’ ammissibilita` fil-veru sens tal-kelma. **Konsegwentement din il-Qorti qed tirrespingi din it-tieni eccezzjoni.**

It-tielet u l-hames eccezzjonijiet.

Dawn iz-zewg eccezzjonijiet ta’ l-akkuzati jistghu jigu kkunsidrati flimkien. Bit-tielet eccezzjoni l-akkuzati qed jopponu ruhhom ghall-produzzjoni ta’ Abojila Ali Tunsi; u bil-hames eccezzjoni qed jitolbu l-isfilz tad-deposizzjoni tieghu a fol. 386 sa 389. Ir-ragunijiet migjuba minnhom huma wkoll ragunijiet li jincidu fuq ir-relevanza ta’ dana x-xhud, u mhux fuq l-ammissibilita` tieghu. Issa, apparti x’qal jew ma qalx meta xehed fl-istruttorja, ghandu jkun evidenti li dana x-xhud Tunsi hu *prima facie* relevanti (u ma hemm ebda “exclusionary rule of evidence” li tirrendi lil dana x-xhud inammissibbli) peress li skond il-prosekuzzjoni dan Tunsi huwa wiehed mill-persuni li maghhom l-akkuzati ftehmu sabiex jimpurtaw ir-raza tal-

*cannabis* f'Malta, u dan kif jirrisulta minn dak li jinghad fit-tielet kap. **Konsegwentement din il-Qorti qed tirrespingi dawn iz-zewg eccezzjonijiet.**

Ir-raba' eccezzjoni.

B'din l-eccezzjoni l-akkuzati qed jitolbu l-isfilz tad-deposizzjoni tal-Ispettur Nicholas Ciappara, a fol. 290 sa 291 u a fol. 296 tal-attijiet ta' l-istruttorja. F'dawn id-deposizzjonijiet l-imsemmi Spettur jirreferi ghas-sejba tad-droga fit-13 ta' Gunju, 1998. **Ghall-istess ragunijiet moghtija minn din il-Qorti fir-rigward ta' l-ewwel eccezzjoni u tat-tieni eccezzjoni, din ir-raba' eccezzjoni, li ma tqajjem ebda kwistjoni ta' ammissibilita`, qed tigi respinta.**

Is-sitt eccezzjoni.

Ghalkemm din l-eccezzjoni giet sollevata miz-zewg akkuzati, proprjament tikkoncerna biss lill-akkuzat Ali Aibrahim Alghaoud, u dan peress li tikkoncerna l-istqarrija minnu maghmula lill-pulizija. Permezz ta' din l-eccezzjoni l-imsemmi Ali Aibrahim Alghaoud qed jeccepixxi l-inammissibilita` ta' l-ahhar sitt linji fit-tielet faccata tal-istqarrija tieghu (li jigu l-ahhar sitt linji a fol. 37 tal-attijiet ta' l-istruttorja). L-akkuzat Ali Aibrahim Alghaoud hawnhekk ghandu ragun: f'dawn is-sitt linji hemm referenza ghal "previous conviction" tieghu mill-qrati Maltin meta huwa tkecca minn Malta, kif ukoll hemm referenza ghal proceduri gudizzjarji ohra li kienu nbdew fil-konfront tieghu – dwar pusses ta' raza tal-*cannabis* – ghalkemm huwa jghid li kien gie liberat mill-akkuza ta' pussess tal-*cannabis*. Fil-fatt hu kien instab hati – ara s-sentenza a fol. 104 u 105 – u kien inghata "conditional discharge" ghal tmintax-il xahar, provvediment li probabbilment dana l-akkuzat jekwiparah ma dikjarazzjoni ta' mhux hati! Huwa veru li l-Artikolu 489 tal-Kodici Kriminali jitkellem biss dwar "previous conviction" u mhux ukoll dwar "previous acquittal"; izda din il-Qorti hi tal-fehma li jekk jissemmew lill-gurati l-proceduri (dwar droga) fejn dan l-akkuzat, skond hu, gie liberat, tali referenza x'aktarx ikollha l-istess effett daqs li kieku kien hemm "conviction", u cioe` li l-

gurati jistghu (erroneament) jigbdu il-konkluzzjoni minn dak il-fatt ta' dawk il-proceduri gudizzjarji li allura l-akkuzat x'aktarx hu, jew addirittura hu, hati tal-akkuzi odjerni. Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz ikun aktar prudenti – u l-interessi tal-akkuzat, specjalment fir-rigward tal-presunzjoni ta' l-innocenza, jigu aktar tutelati minghajr ma jkun hemm pregudizzju ghall-kaz tal-prosekuzzjoni – jekk ma ssir ebda referenza lill-gurati anke ghall-proceduri li fihom l-imsemmi akkuzat allegatament gie lliberat. S'intendi, jekk dana l-akkuzat, direttament jew indirettament, ipoggi "in issue" il-kondotta tajba tieghu, jew jekk hu jistqarr xi haga jew igib prova jew eccezzjoni li hi jew tista' tigi kontradetta jew opposta permezz tal-"previous conviction" jew permezz tal-prova tal-proceduri gudizzjarji li fihom hu allegatament gie liberat, allura l-prosekuzzjoni tinghata l-permess li ggib dawk is-sitt linji, jew parti minnhom jekk ikun il-kaz, a konjizzjoni tal-gurati. **Konsegwentement din il-Qorti tilqa' din is-sitt eccezzjoni u tordna li l-ahhar sitt linji tat-tielet faccata tal-istqarrija ta' Ali Aibrahim Algaoud, u cioe` dawk il-linji li jibdew bil-kliem "Ghaliex ma tistax tidhol Malta?" u jispiccaw bil-kliem "…gejt mehlus ghax ma nstabx hati.", ma jingiebux a konjizzjoni tal-gurati hlief fl-ipotesijiet appena msemmija.**

Is-seba' eccezzjoni.

Is-seba' eccezzjoni tal-akkuzati (li wkoll proprjament tirrigwarda biss lill-akkuzat Ali Aibrahim Alghaoud) tirrigwarda s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-27 ta' Jannar, 1998 moghtija fil-konfront ta' Ali Aibrahim Alghaoud, u li permezz taghha hu kien instab hati ta' pussess tar-raza tal-*cannabis*, inghata "conditional discharge" ghal tmintax-il xahar, u gie dikjarat immigrant projbit u tkecca minn Malta. Hu evidenti li tali sentenza ma tistax tingieb a konjizzjoni tal-gurati bhala prova kontra l-imsemmi Ali Aibrahim Alghaoud hlief fl-ipotesijiet ga msemmija in konnessjoni mas-sitt eccezzjoni. **Konsegwentement, tilqa' din is-seba' eccezzjoni u tipprovdi li l-imsemmija sentenza ma tistax tingieb bhala prova kontra l-imsemmi akkuzat (Ali Aibrahim**

**Alghaoud) hlief fl-ipotesijiet imsemmija in konnessjoni mas-sitt eccezzjoni.**

<u>It-tmien eccezzjoni</u>.

Il-Qorti tifhem li din l-eccezzjoni tal-akkuzati hi limitata ghad-deposizzjonijiet ta’ l-Ispettur Neil Harrison a fol. 289 u 381 tal-attijiet ta’ l-istruttorja. A fol. 289 dana l-ispettur ezebixxa s-sentenza msemmija fis-seba’ eccezzjoni; mentri a fol. 381 huwa jixhed dwar is-sejba tad-droga f’bagalja allegatament ta’ Abojila Ali Tunsi u dwar l-investigazzjoni sussegwenti ghal din is-sejba. Dwar l-ewwel deposizzjoni din il-Qorti diga pprovdiet in konnessjoni mas-seba’ eccezzjoni; u dwar it-tieni deposizzjoni il-Qorti ma tara xejn inammissibbli fiha. **Konsegwentement, salv dak li din il-Qorti diga pprovdiet dwar is-sentenza Dok. 17 (l-eccezzjoni numru 7), tirrespingi din it-tmien eccezzjoni.**

<u>Id-disa’ eccezzjoni</u>.

Din l-eccezzjoni giet sollevata <u>biss</u> mill-akkuzat Ibrahim Elhamshi Elghaud. Dana l-akkuzat qed jeccepixxi l-inammissibilita` tat-tieni u t-tielet mistoqsija (u, presumibbilment, it-twegibiet ghalihom) fit-tielet faccata tal-istqarrija tieghu (u ghalhekk li tigi a fol. 32 tal-attijiet tal-istruttorja). Il-brani li minnhom qed jilmenta dana l-akkuzat huma s-segwenti:

“M. Ghaliex ma stennejtx il-zijuk?

T. Ghax hsibt li kellu xi problema biex jidhol Malta.

M. Allura kont taf li ma kienx ser jidhol Malta, ghax taf li kellu problema?

T. Iva.”

Frankament din il-Qorti ma tara xejn inammissibbli f’dawn id-domandi u risposti. L-istqarrija tal-akkuzat Ibrahim Elhamshi Elghaud taghmel prova favur jew kontra tieghu biss u ma taghmel ebda prova fil-konfront tal-ko-akkuzat (Art. 661 tal-Kodici Kriminali). Ghalkemm din il-Qorti tista’ tifhem li f’kaz li <u>dana l-akkuzat</u> jaghzel li jixhed u jelabora, jew jigi mitlub jelabora, fuq dawn il-mistoqsijiet u twegibiet,

ikun prudenti li l-Imhallef li talvolta jkun qed jippresjiedi l-guri jaghti direttivi lid-difensuri tal-partijiet u/jew lill-gurati biex jigi assigurat li l-gurati ma jigux a konjizzjoni ta' xi "previous conviction" tal-ko-akkuzat Ali Aibrahim Alghaoud, ma tarax li din l-eccezzjoni tqajjem kwistjoni jew kwistjonijiet ta' ammissibilita`, fir-rigward ta' min issolleva din l-eccezzjoni, li ghandha jew ghandhom jigu decizi f'dana l-istadju. **Konsegwentement tirrespingi din id-disa' eccezzjoni.**

U b'dan il-mod tiddisponi mill-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-akkuzati, u tordna l-prosegwiment tal-kawza."

Rat ir-rikorsi ta' appell prezentati separatament miz-zewg akkuzati fis-26 ta' Frar 2001 fejn talbu li din il-Qorti tirriforma s-sentenza msemmija billi tikkonfermaha fejn in forza ta' l-istess gew milqugha s-sitta u s-seba' eccezzjonijiet sollevati mill-akkuzati u tirrevokaha fejn permezz ta' l-istess sentenza gew michuda l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-hames u t-tmien eccezzjonijiet, u fil-kaz ta' l-akkuzat Ibrahim Elhamshi Elghaoud ukoll id-disa' eccezzjoni;

Rat il-verbal tas-27 ta' Novembru 2002 fejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiza qablu li z-zewg rikorsi jigu trattati kontestwalment;
Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-ewwel aggravju taz-zewg appellanti jirrigwarda l-ewwel eccezzjoni taghhom li dwarha jghidu li filwaqt li l-Ewwel Qorti osservat li l-ilment ta' l-akkuzati kien dwar rilevanza u mhux ammissibilita`, t-tezi taghhom hi li d-dokumenti riferiti fl-ewwel eccezzjoni huma inammissibbli u subordinatament palezement irrilevanti. Difatti, ikomplu jghidu, s-sejba ta' raza' f'Gunju tal-1998 mhuwiex *"facts in issue"*. Tant hu hekk li din is-sejba ma tissemmiex fil-parti espozittiva tad-diversi kapi ta' akkuza, lanqas fit-tielet kap fejn jissemma' certu Gamal El Gaud li hija l-persuna li

pprezentat partita ta' sigaretti Rothmans, allegatament u prezumibilment kontenenti zewg kili u nofs raza', lill-ufficjali tad-Dwana. Apparti l-inverosimiljanza manifesta li persuna tipprezenta partita ta' sigaretti kontenenti kwantita` sostanzjali ta' raza' lill-ufficjali tad-Dwana, minn ezami akkurat ta' l-atti ta' l-Istruttorja ma jezisti assolutament ebda element li b'xi mod jorbot lill-akkuzati ma' Gamal El Gaud. Konsegwentement is-sejba ta' raza' ta' Gunju 1998 hija estraneja ghal dan il-kaz b'mod li l-Avukat Generali qieghed semplicement jispekula fuq din is-sejba - spekulazzjoni li jista' jkollha l-effett li tizvija lill-gurija biex tassumi li l-akkuzati kellhom xi konnessjoni ma' Gamal El Gaud mhux a bazi ta' xi evidenza li rrizultat fil-kors tal-kumpilazzjoni izda semplicement minhabba li l-kunjom ta' l-akkuzati jixbah lill-kunjom ta' Gamal El Gaud ghalkemm huma fl-istess hin sostanzjament differenti.

Ighidu wkoll l-appellanti li huwa evidenti li l-istrategija tal-Avukat Generali huwa li jdahhal is-sejba ta' raza' ta' Gunju 1998 minhabba xi xebh tal-kunjomijiet imsemmija fin-nuqqas ta' kwalsiasi prova ohra. Din is-sejba ma tistax tigi klassifikata bhala *"fact in issue"* billi huwa evidenti li din is-sejba hija estraneja ghal dan il-kaz u tista' sservi biss bhala mezz biex il-gurati jigu influwenzati u zvijati minn grajjiet li huma barranin ghall-kaz innifsu. Ghalhekk jissottomettu li materjal li huwa estraneju ghall-kaz u li huwa intenzjonat li jkollu l-effett li jinfluwenza lill-gurati biex jizvijahom, ghandu jigi ritenut bhala inammissibbli *ut sic* ghaliex jista' jimmina l-andament tal-gustizzja billi jwassal ghal ingustizzja konsistenti fis-sejbien ta' htija indebitament. Subordinatament jissottomettu li ghall-istess ragunijiet, din is-sejba hija manifestament irrilevanti u ghalhekk inammissibbli.

Din il-Qorti diversament komposta kellha diversi okkazjonijiet tikkummenta dwar id-distinzjoni li trid issir bejn il-kuncett ta' ammissibilita` u dak ta' rilevanza ta' prova. Il-principji relattivi gew ribaditi fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Edwin Cioffi** moghtija fis-27 ta' Novembru 1990 (Vol. LXXIV.v.667) fejn gie mfisser li "l-kuncett ta' ammissibilita` riferibbilment ghall-mezz ta' prova ghall-finijiet ta' l-artikolu 438 tal-Kodici

Kriminali proprjament jitqies bhala riferibbli ghal *'le condizioni richieste dalla legge per essere ricevuto in giudizio'* (Koll. Vol. XIX.iv.9) jew ghal *le condizioni giuridiche del mezzo di prova in se stesso'* (Koll. Vol. XXVII.iv.595), bhala distint mis-semplici rilevanza *'ut sic'*. Irriferiet ukoll ghal dak li qalet fis-sentenza taghha tat-30 ta' Mejju 1977 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Cecil Pace et** fis-sens li "'xi drabi jista' jaghti l-kaz li l-kwistjoni ta' rilevanza tmur aktar 'il boghod u tipprezenta ruhha marbuta ma' dik ta' l-ammissibilita` fis-sens proprju hawn fuq imsemmi in kwantu li per ezempju tincidi fuq principji ohra, bhallikieku fil-kaz ta' xhieda tendenti li jippruvaw il-kummissjoni da parti ta' l-akkuzat ta' atti kriminali (jew komunkwe: *'wrongful'*) differenti minn dawk koperti mill-att ta' l-akkuza (ara sentenzi ta' din il-Qorti **Regina vs Paul Azzopardi**, *supra*, u **Repubblika vs Carmel Mangion et**, 11 ta' Dicembru 1975)', izda spjegat illi meta pero` si tratta ta' kwistjoni ta' mera rilevanza *'ut sic'*, din hija tradizzjonalment imhollija ghall-apprezzament ta' l-Imhallef tal-mertu fil-kompetenza tieghu". Enfasizzat ukoll li "fl-istadju preliminari, dak li l-Qorti Kriminali ghandha tiddeciedi fit-termini ta' l-artikolu 438 tal-Kodici Kriminali hija l-ammissibilita` ta' prova bhala kontrapposta ghar-rilevanza ta' l-istess prova, b'dan li indipendentement mill-fatt li sussegwentement l-istess prova tista' tigi regolata jew addirittura eskluza bhala irrilevanti fl-istadju tas-smigh tal-provi, l-istess m'ghandhiex tigi preventivament u aprioristikament eskluza jekk tista' tirrizulta rilevanti ghall-*'facts in issue'*".

Din il-Qorti tista' tifhem u tapprezza sew l-aggravju u l-preokkupazzjoni ta' l-appellanti, izda a bazi tal-principji suriferiti m'hemm l-ebda dubju li in kwantu jirrigwarda l-ewwel aggravju si tratta ta' kwistjoni ta' rilevanza u mhux ta' ammissibilita`. U kif tajjeb osservat l-ewwel Onorabbli Qorti, dan mhuwiex l-istadju li fih ghandu jigi ezaminat il-process kollu biex jigi stabbilit kif id-dokumenti li taghhom qieghed jintalab l-isfilz, jistghu jaghmlu *"more or less probable a fact in issue"*.

L-appellanti jsostnu li d-dokumenti in kwistjoni huma palezement irrilevanti. Issa huwa minnu li d-dokumenti in

kwistjoni, u cioe` d-dokumenti numri 21, 22, 23 u 24, jirrigwardaw is-sejba ta' dak li qieghed jigi meqjus bhala raza' tal-cannabis mohbija f'pakketti tas-sigaretti Rothmans fit-13 ta' Gunju 1998, jigifieri wara li l-appellanti kienu diga` tressqu l-Qorti fis-27 ta' Frar 1998 Izda jidher li din is-sustanza kienet twasslet Malta fit-23 ta' Frar 1998, jigifieri jumejn qabel ma gew arrestati l-appellanti fl-ajruport. Fid-dawl tat-tielet kap ta' l-akkuza, fejn l-appellanti qeghdin jigu akkuzati b'assocjazzjoni ma' persuni ohra ghall-finijiet ta' traffikar ta' droga ghall-habta ta' Frar 1998, ma tistax ghalhekk din il-Qorti aprioristikament tiddikjara li dawn id-dokumenti huma manifestament irrilevanti. F'dan l-istadju ma jistax jigi anticipat l-izvolgiment tal-guri fejn allura jista' jirrizulta li dawn id-dokumenti huma rilevanti daqs kemm jista' jirrizulta wkoll li huma rrilevanti. Din il-kwistjoni hija ta' kompetenza tal-Qorti tal-mertu.

Il-Qorti tixtieq fl-ahharnett tinnota li fl-aggravju taghhom l-appellanti jghidu li fit-tielet kap ta' l-akkuza jissemma' certu Gamal El Gaud, allegatament l-importatur tal-pakketti tas-sigaretti li fihom instabet raza' tal-cannabis. Ghall-fini ta' korretteza biss qieghed jigi osservat li fl-imsemmi tielet kap, imkien ma jissemma' b'mod specifiku dan l-isem izda jissemmew "persuni ohra fosthom certu Tunsi".

It-tieni aggravju ta' l-appellanti jirrigwarda t-tieni u r-raba' eccezzjonijiet li dwarhom jghidu biss li dak kollu li nghad rigward l-ewwel eccezzjoni japplika wkoll ghalihom.

Permezz tat-tieni eccezzjoni qeghdin jopponu ghall-produzzjoni ta' Joseph Farrugia, Alfred Buttigieg, Patrick Woods, Joseph Spiteri, Charles Camilleri, P.C. 659 Jeffrey Hughes u P.C. 171 Karl Glanville peress li x-xiehda taghhom hija inammissibbli. U bir-raba eccezzjoni qeghdin jitolbu ghall-isfilz tax-xiehda ta' l-Ispettur Nicholas Ciappara. Skond l-appellanti dawn ix-xhieda huma inammissibbli.

In realta` dawn l-eccezzjonijiet huma pedisekwi ghall-ewwel eccezzjoni ta' l-allegata inammissibilita` ta'

dokumenti u li giet trattata diga` fil-parti precedenti ta' din is-sentenza. Difatti dawn ix-xhieda kollha xehdu fl-istruttorja in konnessjoni mas-sejba tar-raza' tal-cannabis fit-13 ta' Gunju 1998 u li, jigi reiterat, jidher li kienet iddahhlet f'Malta fit-23 ta' Frar 1998. Kollox huwa bazat fuq l-aspettattiva li d-dokumenti numri 21, 22, 23 u 24 jigu dikjarati inammissibbli. Kif inghad din il-Qorti mhux qed taqbel ma' l-appellanti li dawn id-dokumenti jigu dikjarati inammissibbli, u ghalhekk ma taqbilx lanqas li x-xhieda msemmija jistghu jigu dikjarati inammissibbli. Hawn ukoll fil-fatt il-kwistjoni tirrisolvi ruhha biss f'wahda ta' rilevanza.

It-tielet aggravju tirrigwarda t-tielet u l-hames eccezzjonijiet. L-appellanti jghidu li l-ewwel Onorabbli Qorti rriteniet *inter alia* li skond it-tezi tal-prosekuzzjoni certu Tunsi huwa wiehed mill-persuni li mieghu l-appellanti kkonguraw biex jimportaw r-raza' f'Malta skond kif jinghad fit-tielet kap. Dan Tunsi xehed waqt il-kumpilazzjoni u cahad li kien ikkongura ma' l-appellanti f'dan ir-rigward. Skond l-appellanti, it-tezi ta' l-Avukat Generali ma tistax tissana l-irrilevanza manifesta ta' dan ix-xhud, molto piu` meta jitqies li minn ezami ta' l-atti ma jirrizulta ebda ness bejn Tunsi u l-appellanti. Difatti kemm l-appellanti fl-istqarrijiet taghhom kif ukoll Tunsi fix-xhieda tieghu waqt il-kumpilazzjoni cahdu li kienu jafu lil xulxin u ma tezisti ebda prova li torbot lill-appellanti ma' Tunsi. Konsegwentement il-produzzjoni ta' Tunsi ghandha, jissottomettu l-appellanti, tigi ritenuta inammissibbli u konsimilment id-depozizzjoni tieghu moghtija waqt il-kumpilazzjoni.

Dawn l-eccezzjonijiet huma evidenza tan-nuqqas ta' distinzjoni li l-appellanti qeghdin jaghmlu bejn il-kuncett ta' ammissibilita` u dak ta' rilevanza. Il-prosekuzzjoni qed tallega li Abojila Ali Tunsi kien wiehed mill-persuni li maghhom l-appellanti ftehmu biex jimportaw ir-raza' tal-cannabis f'Malta. Kif jista' dan Tunsi jigi dikjarat aprijoristikament inammissibbli bhala xhud ghas-semplici fatt li kemm hu kif ukoll l-appellanti cahdu li kienu jafu lil xulxin? Jista' jkun hemm kwistjonijiet ta' valur probatorju u talvolta anke ta' rilevanza, izda certament m'hemmx

kwistjonijiet ta' ammissibilita`. Ghalhekk anke dan l-aggravju jirrizulta nfondat.

L-appellanti jissottomettu bhala r-raba' aggravju u b'riferenza ghal parti mit-tmien eccezzjoni, li d-deposizzjoni ta' l-Ispettur Neil Harrison a fol. 381 ghandha tigi ritenuta wkoll inammissibbli in kwantu li hi manifestament irrilevanti billi dak li nstab fil-bagalja ta' Tunsi u l-investigazzjonijiet sussegwenti fil-kaz tieghu mhumiex *"fact in issue"* f'dan il-kaz.

Hawn ukoll din il-Qorti ma tirravviza xejn inammissibbli fix-xiehda ta' l-Ispettur Neil Harrison a fol. 381 li jixhed dwar is-sejba ta' droga f'bagalja ta' l-imsemmi Abojila Ali Tunsi, l-istess Tunsi li l-prosekuzzjoni qed tallega fit-tielet kap ta' l-att ta' l-akkuza li l-appellanti kienu assocjaw ruhhom mieghu biex jimportaw ir-raza' tal-cannabis f'Malta. Hawn ukoll jista' jkun hemm kwistjonijiet ta' valur probatorju u anke ta' rilevanza izda mhux kwistjonijiet ta' ammissibilita`.

L-ahhar aggravju jirrigwarda d-disa' eccezzjoni mressqa minn Ibrahim Elhamshi Elghaoud li jghid li l-fatt li l-gurija ser ikollha l-istqarrijiet tal-ko-akkuzati quddiemhom malli jibda l-guri ifisser li huma ser ikunu jafu minnufih li l-ko-akkuzat l-iehor kellu problemi mal-pulizija u anke jikkonkludu *"ab initio"* li l-ko-akkuzat l-iehor kellu *"previous conviction"* li kienet tostakolah milli jidhol fil-gurisdizzjoni Maltija. Dan l-istat ta' fatt ghandu jirrendi s-silta riferita mill-istqarrija ta' l-appellant Ibrahim Elhamshi Elghaoud inammissibbli.

Fir-rigward ta' dawn is-sottomissjonijiet, din il-Qorti, wara li ezaminat dak li qalet fir-rigward l-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza appellata, tara li assolutament mhuwiex il-kaz li jizdied xejn fir-rigward peress illi fil-fehma taghha l-mod kif l-ewwel Qorti kkunsidrat u ddecidiet il-vertenza huwa korrett, u konsegwentement dana l-ahhar aggravju, bhal dawk kollha ta' qablu, qieghed jigi respint.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-appelli ta' l-akkuzati, tikkonferma s-sentenza appellata tat-22 ta' Frar 2001 fl-intier taghha, u tibghat l-atti lura lill-ewwel Onorabbli Qorti ghall-kontinwazzjoni skond il-ligi.

---------------------------------TMIEM---------------------------------